# V.DA KONFRATERNITA

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

**A.D. 1801**



14 ta' Awwissu, 2013

Ħuti Fratelli,

Kulħadd kelma waħda: "X'festa kbira kellna!" U dan bir-raġun għaliex, għall-grazzja ta' Alla u bil-għajnuna ta' Ommna Marija Santissma, kien hemm organizzazzjoni u koordinazzjoni tajba bejn iċ-ċelebrazzjonijiet interni u esterni. Rigward il-festa ta' ġewwa l-knisja kien hemm konkorrenza tajba mid-devoti Karmelitani u l-purċissjoni ta' jum il-festa, li fiha ħadu sehem xejn inqas minn 120 fratell, imxiet b'mod tajjeb ħafna. Fuq kollox, irrid nirringrazzja lilkom u lill-familji kollha Żrieraq tal-ġenerożità li wrejtu fl-għotjiet tagħkom b'risq il-festa interna għaliex b'hekk aħna nagħmlu kuraġġ biex nibqgħu mexjin 'il quddiem bil-pjanijiet tagħna.

Issa ngħaddi biex infakkarkom fis-servizzi li l-Fratellanza tagħna se tkun impenjata fihom fix-xhur li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1 ta' Settembru: | Santa Katarina V.M. |
| 15 ta' Settembru: | Santu Rokku. |
| 6 ta' Ottubru: | Madonna tar-Rużarju. |
| 13 ta' Ottubru: | Madonna tal-Karmnu (Santa Venera). |

Nagħlaq din iċ-ċirkulari billi mill-ġdid nirringrazzjakom tal-kooperazzjoni li dejjem turu mal-Kumitat tal-Fratellanza.

Dejjem Tagħkom,

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262